**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Floriana**

## Laqgħa Nru. 21-07/2016

Data: 26 ta' Settembru 2016

Hin: 2.00pm

Post: Uffiċju Amministrattiv, Kunsill Lokali Floriana

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Davina Sammut Hili | – *Sindku* |
| | Vincent Borg | – *Viċi Sindku* |
| | Albert Demarco | - *Kunsillier* |
| | Matthew Paris | - *Kunsillier* |
| | James Aaron Ellul | - *Kunsillier* |
| | Svetlick J Flores | – Aġent *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati: | 0 | |
| Assenti: | Michaela Farrugia (Ambaxxatur Lokali taż-żagħżagħ) | |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti;
2. Punti mqajma mill-Minuti;
3. Komunikazzjoni mis-Sindku;
4. Korrispondenza;
5. Mistoqsijiet lis-Sindku;
6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati;
7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji;
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet;
9. Hatra ta' Segretarju Eżekuttiv

15 Pjazza E.S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21236951 E-Mail: floriana.lc@gov.mt

10. Offerti Pubbliċi
11. Ġemellaġġ ma Maċerata
12. Skema ta Parkeġġ Residenzjali
13. Proġetti u Xogħlijiet
14. Traffiku u parkeġġ
15. Ġonna u Soft areas
16. Publikazzjoni ta Ktieb
17. Clean up Day
18. Attivita "Ġenna ta Ġonna"
19. Attivita' "Qalb Furjaniza, Qalb Ħanina"
20. Attivita' "Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar tal-Art Mekkazzat – XI
21. Website tal-Kunsill
22. Akkademja tal-Futbol ta Justin Haber
23. Aġġornament.

**Minuti - 19-07/2016**

## 1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ressqet il-minuti tal-għoxrin (20)-il laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkolati minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

1.1.1. Il-Viċi Sindku Vincent Borg ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Albert Demarco favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija f'1.1. Ittieħed vot bir-riżultat kien:

Favur: 4 (VB, AD, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

1.1.2. Konsegwentement ġew iffirmati l-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill mis-Sindku Davina Sammut Hili u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv Svetlick Flores

## 2. Punti Imqajjma mill-Minuti

2.1. Ma kienx hemm punti imqajjma.

## 3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat lill-Kunsilliera preżenti bil-laqgħa li saret Mas-Sur Lawrence Formosa, sabiex tiġi trattata il-problema tal-ħamiem, permezz ta' qbid tal-ħamiem f'gaġeġ u mhux permezz ta xi tip ta moħqrija fuq it-tjur. Hija infurmat li dan is-servizz jiswa €500 u jdum għaddej sitt ġimgħat.

**NB: 2.07 – Il-Kunsillier James Aaron Ellul attenda għal laqgħa**

3.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel dan l-eżerċizzju.

3.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ppreżentat ir-rapport mibgħut mill-Perit tal-Kunsill fejn issuġġerixxa 3 proġetti żgħar ta manutenzjoni fuq toroq, biswit Pjazza San Publju.

3.2.1. Il-Kunsill approva li jsir l-asfaltar ta' żona 1 (Triq Vilhena, bejn L-Istitut Kattoliku u Pjazza Papa Ġwanni, Minn triq San Publju sa Triq Sant' Anna, stmata €17,000, u Żona 3, Triq J Lopez, bejn l-Istitut Kattoliku u l-masġar, minn Triq San Publju, Sa Triq L-Isqof Mauro Caruana, stmata €7,000.

3.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Floriana Football Club talbu l-Kunsill sabiex jisselfu il-bandiera il-kbira ta Malta, sabiex tittella' waqt l-attività Ġenna ta Ġonna.

3.3.1. Il-Kunsill approva unanimament.

## 4. Korrispondenza

4.1. Ma kienx korrispondenza diskussa.

## 5. Mistoqsijiet lis-Sindku

5.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm tweġiba fit-talba tal-Kunsill sabiex tkun reklamata iktar l-waqfa tal-Park and Ride, fil-Floriana, minn Transport Malta

5.1.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma rċeviex risposta.

5.2. Il-Viċi Sindku staqsa lis-Sindku dwar iċ-ċaqliq tat-tabelli tal-*Pick up Points* tal-Park and Ride. Fi Triq Sant' Anna

5.2.1. Is-Sindku infurmat li kelliex risposta u talbet lil- Viċi Sindku sabiex isegwi l-materja ma Transport Malta.

**NB: 2.20pm – Il-Kunsillier Matthew Paris attenda għal-laqgħa**

5.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku kif jekk hux possibli li tinħasel Triq San Tumas, il-parti ta fejn hemm il-UHM, minħabba riħa li skart li jkun hemm ta kulljum.

5.3.1. Is-Sindku wieġbet, li ser titlob lid-Direttorat tat-Tindif li waqt li jkunu qed jagħmlu taħt il-loġoġ, jagħmlu wkoll l-ewwel kantuniera tat-triq imsemmija.

5.4. Il-Kunsillier Matthew Paris staqsa lis-Sindku jekk kienx hemm ilmenti dwar ġrieden mir-rain water culverts fi Triq Sant Anna, eżattament dak ta quddiem l-istabbiliment Lollies Bar.

5.4.1. Is-Sindku infurmat li ta sikwit jidħlu ilmenti fuq dan il-culvert, fejn il-Kunsill kemm il-darba għamel xibka sabiex jevita li jitilgħu il-ġrieden, madankollu, hekk kif il-kunsill jagħmel ix-xibka, xi ħadd immedjatament jerġa jaqlagħha.

5.4.2. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jittieħdu numru ta miżuri, fosthom, li ssir xibka fuq dan il-culvert, u dawk ta maġenbu, in-naħa tal-Belt, li jsir rapport lis-sezzjoni konċernata sabiex jitfaw il-velenu u kif ukoll li din iż-żona tiġi ikkunsidrata sabiex CCTV, sabiex b'hekk jitnaqqas ir-rimi ta skart b'mod abbużiv, kif ukoll tinżamm iktar indafa u ordni.

5.5. Il-Kunsillier James Aaron Ellul staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill irċeviex risposti fuq ir-rapport ta ħmieġ taż-żwiemel fi Triq San Publju.

5.5.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ma rċiviex risposta mill-Pulizija.

5.5.2. Il-Kunsill qabel li terġa tintbagħat notifika, ladarba dan l-att għadu qed isir. Il-Kunsill qabel ukoll li jintbagħat rapport lil Onor Roderick Galdes.

5.6. Il-Kunsillier Matthew Paris għamel referenza għal attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista fuq il-Fosos, relatati maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Indipendenza. Huwa kjarifika mas-Sindku u l-membri tal-Kunsill li għalkemm huwa Kunsillier jirrappreżenta l-istess partit kemm hu u kemm il-Kunsillier James Aaron Ellul m'għandhomx x'jaqsmu fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet

5.6.1. Il-Kunsillier Paris, qali li madankollu, jekk ikun hemm xi ħaġa ħażina ma jiddejjaqx jikkritika. Madankollu, fil-każ li qam dwar il-ġbir ta skart matul din l-attività, iħoss li saret allegazzjoni falza mil-Kuntrattur WM Environemtal. Huwa żied jgħid li għal kuntrattur, membri mil-Partit infurmawħ li l-kuntrattur tal-Kunsill kien ilu ġimgħa ma jnaddaf il-fosos u l-kontenitur tal-iskart, u għalhekk ħadu ħsieb it-tindif huma.

5.6.2. Is-Sindku infurmat li dak inhar, il-kuntrattur tal-Kunsill ikkuntatjaha fis-7.00am u infurmaha li kien hemm ammont konsiderevoli ta skart, u hi tagħtu l-istruzzjoni biex għal dak inhar biss, jiġbor kollox. Seta kien il-każ li l-kuntrattur tal-Partit Nazzjonalista mar iktar tard.

5.6.3. Il-Viċi Sindku Vince Borg qal li T-Tnejn fl-10 ta filgħodu hu kien fil-viċinanzi u innota li l-fosos kien nadif. U l-iskart iġġenerat mil-Partit Nazzjonalista kien ġo skip, u li ftit wara tnaddaf.

## 6. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

6.1. Is-Sindku ressqet għal attenzjoni tal-Kunsill minuti ta' laqgħa numru wieħed u laqgħa numru 2 tas-sottokumitat tal-Ambjent u Ndafa, liema minuti ġew iċċirkolati mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

6.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris irrimarka li dak kollu li tagħmel is-Sindku, ikollu l-approvazzjoni tal-Kunsill, u għaldaqstant, bl-istess anke membru tas-sotto-kumitati meta jaġixxi, irid ikollu l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill. Huwa fakkar li membri fis-sottokumitat mhumiex membri eletti, u għalhekk l-ebda membru ma għandu jaqbad u jiddeċiedi huwa. Huwa qal li din mhijiex kwistjoni ta pika, iżda hemm liġi ċara u etika.

6.1.2. Is-Sindku żiedet tgħid li in-fatti din il-kwistjoni hija imniżżla fil-minit tal-ewwel laqgħa tal-istess sottokumitat u li ħadd ma għandu jaqbeż lill-Kunsill.

6.2. Il-Kunsill Matthew Paris irringrazzja kull xogħol volontarju tal-Membri tas-Sottokumitat.

## 7. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji

7.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili ippreżentat l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 17/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel ma' l-avviż tal-laqgħa.

7.1.1. Il-Kunsillier Matthew Paris astjena mill-pagamenti numru 10, 45,

7.1.2. Il-Viċi Sindku Vince Borg għamel referenza għal pagament Nru 6, li kien *subsistence allowance* maħruġ lili għaż-żjara f'Macerata. Huwa informa li wara li sarraf il-pagament, l-ammont ġie rimborsat lil-Kunsill, ġaladarba iż-żjara tħassret. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonferma dan.

7.1.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier James Aaron Ellul u ssekondata mill-Kunsillier Matthew Paris, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti bir-rizultat kien:

Favur: 4 (JAE, MP, DSH, VB,AD)
Kontra : 0

Astensjonijiet: 0

7.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili rrakkomandat li bħal snin preċedenti, jintrama id-dwal tal-Milied fi Triq Sant Anna u Triq il-Konservatorju. bl-ispiża tkun bħal tas-sena l-oħra.

7.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.2.2. Il-Kunsill qabel ukoll li issir laqgħa mal kuntratturi involuti, sabiex jintażlu id-disinni.

7.2.3. Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li Triq Sant'Anna tinxtegħel qabel is-soltu, It-Tnejn 28 ta' Novembru, u ssir attività żgħira. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsillieri responsabbli mill-attivitajiet ingħataw l-inkarigu ta din l-attività.

## 8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1. Ma Kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq

## 9. Vakanza ta Segretarju Eżekuttiv

9.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li da parti tal-Kunsill il-proċess ġie eżawrit skont il-linji gwida.

**9.2.** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill qed jistenna minn ħin għal ieħor issir il-ħatra uffiċjali mill-Ministru.

## 10. Offerti Pubbliċi

10.1. Is-Sindku infurmat li f'Diċembru jagħlaq il-kuntratt ta ġbir ta skart goff u għaldaqstant ressqet l-abbozz tad-dokument tal-offerta il-ġdid.

10.1.1. Il-Kunsill approva id-dokument imressaq u talab li tiġi ippubblikata l-offerta.

10.2. Il-Kunsill innota li l-kuntrattur preżenti, tal-Ġbir ta Skart Goff, għadu jitlob il-ħlas addizzjonali għal servizz imsejjaħ minnu Amministrattiv. Il-Kunsill Innota ukoll li l-Kuntrattur preżenti talab li jew tal-anqas, titneħħa l-ġabra tas-Sibt.

10.2.1. Il-Kunsill innota li d-dokument tal-offerta tiegħu jindika ċar li huwa mhu intitolat għal ebda ħlas addizzjonali kif qed jiġi mitlub minnu.

10.2.2. Il-Kunsill ma laqax lanqas it-talba tal-Kuntrattur biex titbiddel il-ġabra ta nhar ta Sibt.

10.2.3. Il-Kunsill qabel li, minn issa l-quddiem, sakemm ma jiġux ritornati id-dokumenti tal-Kunsill (kopji tal-Consignment forms), ma kull ġurnata tal-ġabra għandu jinħareġ avviż ta twissija, (default notice). Il-Kunsill qabel li dan l-avviż għandu jinħareġ mill-Uffiċju Amministrattiv f'isem il-Kunsill Lokali Floriana

## 11. Ġemellaġġ ma' Macerata.

11.1. Is-Sindku infurmat li peress li ż-żjara tħassret, l-Istatwa ta San Publju ma nxtratx mill-Kunsill, iżda inżammet mill-Assoċjazzjoni Publiju ta Malta, b'hekk il-Kunsill franka din l-ispiża.

11.2. Il-Kunsill qabel ukoll li l-invit lil-Comune ta Macerta, għal Festa ta San Publju 2017 għandu jibqa' validu, u għaldaqstant, jista' jinbdew il-preparamenti neċessarji.

## 12. Skema ta Parkeġġ Residenzjali.

12.1. Il-Kunsill approva id-dokument kompilat bid-deċiżjonijiet li ttieħdu matul iż-żmien u li jservu bħala linji gwida għal din l-Iskema.

12.2. Il-Kunsill qabel li l-format tal-permess il-ġdid għandu jkun wieħed simili ta dak li hemm, sabiex jinżamm l-istess pokit.

12.3. Il-Kunsill qabel li jibdew jinġabu l-kwotazzjonijiet, tax-xogħol, sabiex possibbilment, il-permessi l-ġodda jibdew operattivi minn Jannar tas-sena 2017, u jkunu valida għal sentejn.

## 13. Proġetti u Xogħolijiet

13.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili irrimarkat li l-planters ta kulur il-fuħħar li qegħdin madwar il-Floriana qegħdin jinkisru / jinqasmu. U għaldaqstant hemm bżonn li l-Kunsill jibda jaħseb sabiex dawn jiġu mibdula.

13.1.1. Il-Kunsill qabel li jinġabu kwotazzjonijiet ta qisien ta daqs dawk eżistenti, u preferibbilment ikollhom l-arma tal-Kunsill.

13.2. Is-Sindku għamlet referenza għal pjan li jitwaħħlu numru ta kameras tas-sigurtà madwar il-lokalita, sabiex jitnaqqsu diversi abbużi.

13.2.1. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li issir kamera mobbli u li tkun tista' titpoġġa f'żoni varji, kif ukoll issir waħda tat-tip *Speed Dome*, skont il-kwotazzjonijiet riċevuti riċentement, sabiex tiġi sorveljata Pjazza San Publju u ż-żona tal-madwar.

13.3. Is-Sindku Davina Sammut Hili tkellmet dwar il-Bollards li ser jitwaħħlu madwar il-lokalita'

13.3.1. Is-Sindku infurmat li dawn ser jibdew isiru fix-xitwa, meta l-ħaddiema tal-kunsill ikollhom ġurnata tax-xogħol itwal.

13.3.2. Il-Kunsill qabel li jsiru bollards fo Triq l-Imħażen, Triq il-Miratur jinbidlu dawk antiki li fihom il-pot tal-qsari fuqhom, ma dawk sempliċi u ġodda.

13.3.3. Il-Kunsillier James Aaron Ellul irrimarka li l-aħħar bollard fi Triq San Franġisk ta sikwit tintlaqat minn vetturi, u għaldaqstant talab li jsir *reflective* tape fuqa. Il-Kunsill qabel.

## 14. Traffiku u Parkeġġ

14.1. Ma kienx hemm punti diskussi.

## 15. Ġonna u Soft Areas

15.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul talab li titwaħħal tabella biex ma jsirx tmiegħ tal-ħamiem fuq il-fosos. Il-Kunsill qabel

15.2. Is-Sindku Davina Sammut Hili ssuġġerixxiet li jsiru tabelli fil-ġonna tal-Kunsill, li jitolbu lil sid il-kelb inaddaf wara l-kelb tiegħu. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.3. Il-Kunsill qabel li jitwaħħal *doggy bin* fi Triq San Publju ftit il-bogħod mill-entratura ta' Ġnien il-Mall.

## 16. Pubblikazzjoni ta Ktieb

16.1. Is-Sindku tkellmet dwar it-talba tas-Sur Joe Bugeja, dwar il-publikazzjoni ta ktieb, u infurmat li l-awtur staqsa jekk il-Kunsill jistax jikkunsidra it-talba jekk l-spiża tkun inqas.

16.2. Wara diskussjoni libera il-Kunsill qabel li jikkunsidra li jixtri id-drittijiet, u l-ktieb f'format diġitali, sabiex b'hekk il-Kunsill jagħżel hu meta u jekk jippublikax il-ktieb.

## 17. Clean Up Day

17.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili fakkret fl-attività "Żomm l-indafa fil-Floriana" u li ser tinżamm nhar is-Sibt, bejn id-9.00am u 1.00pm. Hija infurmat li kkonfermaw diġà 43 parteċipant.

17.2. Is-Sindku infurmat ukoll li l-Kuntrattur WM Environmental offra li żewġ ħaddiema sabiex jassistu.

17.3. Is-Sindku fakkret li l-*Press Conference* ser issir it-Tlieta 27 ta' Settembru 2016, fin-12.30pm.

## 18. Attivita' Ġenna ta' Ġonna

18.1. Il-Kunsillier Matthew Paris ta deskrizzjoni qasira tal-Programm ta Ġenna ta' Ġonna, u li fost oħrajn jinkludi dawn il-punti

18.1.1. Assoċjazzjoni Publju ta Malta ser torganizza *Ghost tour* dakinhar filgħaxija, u taħditiet San Publju taħt il-loġoġ, matul il-ġurnata.

18.1.2. Is-Soċjeta Filarmonika Vilhena ser tagħmel xi programmi mużikali matul il-jum

18.1.3. L-Assoċjazzjoni Publju ta Malta ser tieħu ħsieb li jinbiegħu il-pubblikazzjonijiet tal-Kunsill

18.1.4. Il-Kunsillier Matthew Paris talab l-approvazzjoni sabiex jitwaqqfu arbli għal attività.

18.1.5. Huwa informa li s-Soċjetà Storika offrew il-bejgħ ta kotba tal-Kunsill, iżda din kienet diġà miftehma li sir minn għaqda oħra. Huwa żied jgħid li wara li għalaq il-programm, is-Soċjeta, iddeċidew li jbiegħu il-kotba tas-Socjeta Filarmonika Vilhena

18.1.6. Il-Floriana Senior Citizens ser jorganizzaw attività ta bejgħ ta pjanti. Kif ukoll ser iqassmu b'xejn Smoothies.

18.1.7. Il-Knisja ser jieħdu hsieb jorganizzaw l-ikla "Pranzo nel giardino".

18.1.8. Ser ikun hemm Ingwardja fuq il-Fosos bejn 12.00 pm u 12.30 pm għal prezz ta €1,000

18.1.9. Ser ikun hemm il-logħba Palla Magno, bejn 10.30 am u il-11.15 am.

18.1.10. Ser ikun hemm ukoll attivitajiet oħra bħal ftugħ tal-mina tal-ferrovija, dog show, u esibizzjoni statika ta karozzi

18.1.11. Ser tinżamm esibizzjoni tal-Floriana u San Publju taħt il-loġoġ, in-naħa ta Balzunetta, u in-naħa l-oħra ser ikun hemm esibizzjoni tal-arti minn diversi artisti Furjaniżi.

18.1.12. Fejn il-Football Nursery ser ikun hemm logħob tat-tfal.

18.1.13. Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jesibixxi l-Inkwatri u l-memorabilja tal-Kunsill taħt il-loġoġ, kif ukoll li tindaqq mużika mill-Uffiċju amministrattiv u tagħti għal barra.

18.1.14. Il-Kunsillier Paris li dak inhar, ser isir id-disinn #Explorefloriana fi Triq San Publju bix-xemgħat u isir il-filming.

18.1.15. Huwa informa li nhar it-tnejn ser jitla l-banner fi Triq Sant Anna, u jibda tqassim tal-poster.

18.1.16. Huwa ippropona li ssir konferenza fi Ġnien il-Mall fit-3 t'Ottubru fejn jiġi varat ukoll il-filmat ta din is-sena.

18.1.17. Huwa talab l-assistenza tal-ħaddiema manwali fit-twettieq ta dan il-programm, il-ġurnata ta qabel l-attività, u matul il-ġranet li ġejjin. Huwa talb ukoll l-assistenza ta kull min jista' jagħti daqqa t'id

18.1.18. Il-Kunsill approva unanimement il-punti imressqa.

## 19. Attivita' "Qalb Furjaniża, Qalb Ħanina"

19.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq il-materja u ppropona li jibda x-xogħol relatat mill-ġimgħa d-dieħla., billi jibdew jitqassmu l-ittri lill-għaqdiet.

19.1.1. Il-Kunsill qabel.

19.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppropona biex isiru numru ta attivitajiet differenti kif saru fl-edizzjoni li għaddiet, sabiex jinġabru iktar fondi, u ppropona biex il-flus miġbura, jitqassmu bejn iktar minn għaqda waħda

19.2.1. Il-Kunsill qabel.

## 20. Attivita' "Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat – XI Edizzjoni"

20.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi staqsiet jekk il-Kunsill hux ser jerġa jorganizza dan il-festival, l-edizzjoni li jmiss tkun il-ħdax-il edizzjoni.

20.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.2. Il-Kunsill qabel ukoll li jiġi infurmat il-kordinatur tal-festival tas-snin preċedenti.

20.3. Il-Kunsill qabel ukoll li jiġu avviċinati l-MTA sabiex possibbilment, l-attività tiġi reklamata fil-magazine tal-Air Malta, il-bizzilla

## 21. Website tal-Kunsill.

21.1. Il-Kunsillier James Aaron Ellul tkellem fuq il-website, u irrimarka li l-website preżenti hija numru ta verżjonijiet antika.

21.2. Il-Kunsillier James Aaron Ellul ppropona li din tiġi aġġornata għal stil iktar modern u frisk.

21.2.1. Il-Kunsill qabel unanimament li jinġabu il-kwotazzjonijiet, u sussegwentement tittieħed deċiżjoni.

## 22. Akkademja tal-Futbol ta' Justin Haber

22.1. Is-Sindku Davina Sammut Hili infurmat li l-Akkademja ta Justin Haber ħallset il-pendenzi. Li kellha, u għaldaqstant kollox reġa ġie għan-normal.

22.2. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mad-diriġenti sabiex jiġi evitat sitwazzjoni kif ġrat fil-passat.

## 23. Aġġornament tal-Laqgħa

23.1. Il-laqgħa ġiet aġġornata għat Tnejn 24 ta' Ottubru 2016 fil-5.00. p.m

Il-Laqgħa intemmet fis-4.15 p.m

[IFFIRMAT] [IFFIRMAT]

*Davina Sammut Hili*
*Sindku*

*Svetlick Flores*
*A. Segretarju Eżekuttiv*

Data: 24 t'Ottubru 2016